# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru ħamsa u tletin (35) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nzammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2015, fis-6:45pm fl-uffiċċju tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Nicholas Briffa | Sindku |

1. Il-laqgħa bdiet fis-6.50pm, jiġifieri aktar tard milli kien skedat għaliex ma kienx għad hawn kworum.

2. Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta numru erbgħa u tletin (34) ġew moqrija mis-SE, korretti mill-kunsillieri kif inizjalati fejn kull emenda, approvati u ffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI

4. L-avviz fil-gazzetti dwar il-laqgħa pubblika tal-lokalita', il-*buffet breakfast* kif ukoll in-notifika ta' kemm inġabru flus fl-attivita' li saret b'risq il-Fondazzjoni *Qalb it-Tfal* deher fit-23 ta' Jannar, 2014. Hawn reġa' kien hemm diskussjoni dwar id-diskrepanza li kienet dikjarata bejn l-ammonti li nġabru mis-SE u li kienu mgħoddija permezz ta' depożitu mill-KLM ta' Eur165 u l-kumplament li nġabru u marru fil-fond tal-istess Fondazzjoni mill-ewwel u li s-SE sar jaf bihom permezz ta' *e-mail* dan l-aħħar.

5. L-ittra lill-kuntrattur *Asfaltar Ltd* li se tkun ikkupjata lill-*Contract Manager* ta' dak iz-zmien, l-Onor Toni Bezzina A & CE, MP, kienet iddraftjata mis-SE u mgħoddija lil Charlene Zammit u din se tkun iċċirkulata fost il-membri tal-KLM. Din tikkonċerna ż-żewġ postijiet fejn qed iżomm ħafna ilma, jiġifieri quddiem il-ħanut tax-xagħar fi Triq Santa Katerina u quddiem il-ħanut tal-*Beutician* fi Triq il-Mitħna.

6. Kien hemm ukoll diskussjoni dwar il-konsum tal-elettriku u l-kaxxa tad-dawl li twaħħlet fil-Milied biex jinxtegħel in-*Nativity Set* fi Triq Karmenu Ciantar. Hawn is-SE qal illi minkejja li l-*foreman* tal-Enemalta qara l-*meter,* ma nafux kemm ikkunsmajna elettriku u min se jħallas għalih. Intant is-SE kien mitlub jara kemm tiswa kirja ta' kaxxa bħal din mingħand il-kuntrattur tagħna, għalkemm din is-sena ma kellux waħda disponibbli. Is-SE se jipprova jkellem lill-*foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta minħabba l-qari tal-arloġġ.

7. Diversi kunsillieri ilmentaw dwar ħafna bozoz maqtugħin fil-fistun li ntrama' fil-Milied fil-pjazza. Charlene Zammit qalet li kien hemm ħajt minnhom kważi mingħajr bozoz mixgħulin u hija rċeviet korrispondenza dwar dan anke mill-Kazin tal-Madonna tal-Ġilju. F'punt li tqajjem minn kunsillier ieħor inħoloq dubju dwar min se jħallas għall-konsum tad-dwal li ntrama mis-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Gorg V għall-

istilel tagħhom. Dan għaliex jum minnhom Michel Farrugia staqsa għaliex il-fistun ma kienx mixgħul, u xi ħadd qallu li kienu qed iqabbdu miegħu l-istess stilel. Għaldaqstant kien deċiż li l-KLM jagħmel laqgħa mas-soċjetajiet mużikali nhar id-9 ta' Frar, fis-6:30pm fl-uffiċċju tal-KLM u li fiha se jkunu mistiedna il-President u s-Segretarju jew ir-rappreżentant tagħhom, biex nenfasizzaw il-fatt li dawn għandhom jagħtuna servizz tajjeb fil-Milied. Din il-laqgħa se tinżamm wara l-laqgħa pubblika. Hawn is-SE qal li kien hemm ukoll xi diffikultajiet min-naħa tagħhom dwar l-ittra li kienet intbagħtet mill-KLM dwar il-permessi għall-attivitajiet li jorganizzaw is-soċjetajiet mużikali, peress li dawn mhux biss se jibdew ikunu ivvettjati amministrattivament iżda anke mill-kunsillieri nfushom.

8. Is-SE kien mitlub jikteb lill-ELC biex~~,~~ jiżbru s-siġra taċ-ċipress tal-bandli ħalli din finalment tieħu l-forma tagħha u aktar 'il quddiem tkun tista' tintrama aħjar bil-bozoz fil-ġranet tal-Milied.

9. Il-KLM irrifjuta l-istima tal-ELC ta' €650 biex jinqalgħu il-ħames siġriet ta' quddiem iċ-ċimiterju, fi Triq Ħal Kirklop, u se jfittex stimi mingħand kuntratturi oħra.

10. Paul Spiteri qal li għandna nkunu nafu aktar dwar is-saħħa tas-Sindku biex naraw kif se nibqgħu noperaw f'dan il-Kunsill. Charlene Zammit qalet illi propju lejliet il-laqgħa odjerna irċeviet telefonata mingħand iben is-Sindku, Aaron Briffa, li li infurmaha li għal raġunijiet ta' saħħa missieru iddeċieda li jirreżenja mill-KLM. Hija qalet li hu jixtieq jiltaqa' mas-SE biex iserraħ moħħu li min-naħa tiegħu, ħalla kollox sew.

11. Dwar il-każ ta' *Saint Marie*, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba, id-Deputat Sindku qalet illi fid-19 ta' Jannar, irċevejna l-approvazzjoni minn *Transport Malta* sabiex isiru *double yellow lines* metru 'l hawn u 'l hemm ma kull koxxa tal-bieb tal-*garage* tagħha. Is-SE se jaċċerta ruħu li dawn qiegħdin skont kif hemm fl-approvazzjoni.

12. Dwar il-*yellow lines* faċċata ta' żewġ residenti fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Charlene Zammit qalet illi konna mitlubin inkejlu l-bieb tal-*garage* u l-wisa' tat-triq għal *Transport Malta* tad-dar bl-isem *Joanne*, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija biex dawn ikollhom fuq x'hiex jieħdu id-deċiżjoni.

13. Dwar il-laqgħa pubblika tal-lokalita', Charlene Zammit qalet illi hija tal-idea li jkunu mistednin l-għaqdiet b'mod formali billi nibgħatulhom ittra ta' stedina. Grace Marie Mallia qalet illi din il-laqgħa mhix il-fora fejn wieħed jiddiskuti l-każini iżda hija stedina għall-Imqabbin kollha. Intlaħaq kompromess u kien deċiż illi din l-istedina issir bil-għan li l-għaqdiet kollha tar-raħal iħeġġu lill-membri u lill-partitarji tagħhom ħalli jiġu għall-laqgħa pubblika.

14. Għal ħin konsiderevoli d-diskussjoni kienet dwar l-operat amministrattiv tal-KLM. Charlene Zammit issuġġeriet illi tidħol linja oħra tat-telefon wara lmenti illi ħadd ma kien qed jaqbad fuq il-linja 21680622 tal-Ozone. Hija qalet illi għandhom jinbidlu s-settijiet kollha tat-telefon għal dawk *cordless* filwaqt illi tidħol ukoll il-linja 27680622. Dak il-ħin stess is-SE ċempel minn fuq il-mobile in-numru 21680622 u instema jdoqq *live streamed* fuq is-sett tal-*cordless* ta' fuq l-iskrivanija tad-Deputat Sindku, iżda kien innotat li l-ilmenti li jidħlu lill-KLM jikkonċernaw il-ħinijiet tal-uffiċċju, u mhux il-

ħinijiet ta' filgħaxija. Charlene Zammit qalet illi biex in-nies ikunu moqdijin aħjar, kull darba li Kylie Fenech tkun bis-*sick, vacation leave* u wkoll fil-librerija, Valerie Galea għandha tinżel minflokha fl-uffiċċju t'isfel. Is-SE qal illi hu m'għandux oġġezzjoni minn fuq liema siġġu jaħdmu l-impjegati, għaliex anke hu stess jilqa' l-*cash* meta la jkun hemm Kylie u lanqas Valerie. Għall-proposta ta' Grace Marie Mallia biex isiru l-*istaff meetings* u *briefings*, is-SE qal li Nicholas Briffa u Emanuel Buttigieg qatt ma' għamluhom u semma każ tipiku ta' kif l-informazzjoni tgħaddi għall-impjegati (li wkoll kien fuq l-agenda u ma ġiex trattat per se). Mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali Mqabba 'l hawn, ingħatat responsabbilita' oħra lill-Kunsilli Lokali. Il-KLi issa qed iqassmu kull xahar il-*POYC Coeliacs Vouchers*. Għal dan il-*briefing* kienu mistiedna is-Sindku u s-SE u fil-fatt attenda is-SE. L-għada ġew bil-*vouchers* mid-Dipartiment tas-Saħħa, u l-pitgħada l-impjegati bdew iqassmu dawn il-*vouchers* skond *Standard of Procedures (SOP)* dettaljat. Intant id-Deputat Sindku qabel il-laqgħa qalet li ma jagħmel ebda sens li kuntratt ikun fih isem xi ħadd li filfatt ma jkunx involut fih. Legalment żball bħal dan jista' anke jwaqqa' kuntratt. Għalhekk s-Sindku, Nicholas Briffa, qatt ma nnegozja ma' dawn in-nies (POYC) dwar Coeliacs' Vouchers, talbet li fuq il-kuntratt jidher isimha bħala deputat sindku minflok.

15. Dwar l-interpretazzjoni tal-permessi tal-ħlasijiet tat-*<u>tower cranes,</u>* għadna mingħajr risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-kunsillieri qalu li l-interpretazzjoni tas-SE illi dan hu tqegħid ta' materjal mhix korretta peress li hemm żewġ kunsilli oħra li mhux qed jinterpretaw ir-regolamenti b'dan il-mod. Charlene Zammit qalet illi għandna nimxu ma kif jinterpretawha kunsilli oħra, jiġifieri Eur2.33 għal kull ġurnata, sakemm ningħataw risposta definittiva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

16. Saret referenza għal-laqgħa mal-*inmates* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li nżammet nhar it-8 ta' Jannar, 2015. Charlene Zammit qalet li għaliha kienu preżenti hija stess, Paul Spiteri u is-SE. Hija talbet sabiex tiġi miksuba aktar informazzjoni dwar l-iskema li permezz tagħha, uħud mill-*inmates* ikunu jistgħu jagħtu mill-ħin tar-riabilitazzjoni fil-komunita'. Dwar dan is-suġġeriment Paul Spiteri qal li rridu naħdmu b'kawtela ħalli ngħinu lil dawn in-nies kemm jista' jkun biex jiffaċċjaw il-futur tagħhom stess b'fiduċja u fuq kollox jirriformaw ruħhom.

17. Il-KLM se japplika għall-finanzjament ta' tliet postijiet, permezz tal-iskema tal-Proġetti Kapitali li ħareġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Se napplikaw għal bandli ta' Misraħ il-Fidwa għaliex għad fadal xogħol xi jsir f'dan is-sit, biex jissaqqaf il-ġibjun li għandna u għal ġibjun addizzjonali fi Triq Ganni Darmanin kif ukoll biex jinbena ċ-ċentru ċiviku fuq il-ġibjun il-miftuħ fi Triq in-Nazzarenu. Minkejja dawn l-applikazzjonijiet, Paul Spiteri issuġġerixxa li fuq il-ġibjun huwa tajjeb li jsir lok sportiv bħal *pitch* tal-boċċi, *basketball* u/jew *tennis.* Intant Michel Farrugia għamel proposta biex jitfannad il-ġibjun.

18. Il-Kunsill approva l-Payment Approval Sheet numru 493.

**F'punti oħra**

19. Charlene Zammit semmiet l-attivita' li kien organizza l-KLM fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira, li kienet swietna €2,300, bl-isem l-*Imsallab fi Triqatna*. Hija qalet li tajjeb li l-KLM jerġa' jikkunsidra li ssir din is-sena, peress li l-organizzaturi qalulha illi dawn

m'għandhomx għaġġla biex jitħallsu. Charlene Zammit qalet li din kienet attivita' ħelwa u li ntlaqgħet min-nies. Grace Marie Mallia qalet illi l-KLM għandu *commitments* kbar fuq proġetti kapitali li saru kemm minn din il-leġislatura kif ukoll minn dik ta' qabilha u tal-inqas għandna naqbżu sena sabiex niġu fuq saqajna mil-lat finanzjarju. Hija qalet, illi issa aktar minn qabel, peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jiġri warajna minħabba d-*deficit.* Michel Farrugia ukoll kien tal-idea li billi din l-attivita' mhix xi waħda fil-kalendarju kulturali tar-raħal m'hemmx għalfejn issir, u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena l-attivita' tal-Ġimgħa l-Kbira ma ssirx.

20. Charlene Zammit qalet illi kienet mitluba sabiex il-KLM jagħti l-kummenti tiegħu dwar applikazzjoni li hemm pendenti quddiem l-awtoritajiet sabiex jinfetaħ ħanut (cafeteria) fejn dak taż-żebgħa ta' Paul Grech fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hija qalet illi l-applikazzjoni hija għal ħanut *Class 6* li jkun jixbaħ *restaurant* u jkollu *seating area.* Hija qalet illi l-permess ta' ħanut Class 4 fil-bypass diġa' jinħareġ iżda s'issa ma jinħarġux permessi ta' ħanut class 6 biex fihom isir *restaurant* b'*seating area.* Xi ħaġa stramba, għaliex kif joqogħdu n-nies fil-bypass, joqogħdu wkoll nies fil-*village core*, iżda fil-*village core* diġa' jinħarġu permessi għal ħwienet class 6. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ma sab ebda oġġezzjoni għall-għoti ta' permessi għal ħwienet class 6 fil-bypass. Fuq suġġeriment ta' Paul Spiteri, ġie kkjarifikat li l-Kunsill primarjament jieħu ħsieb l-interessi tar-residenti kollha, u għalhekk l-importanti huwa li kwalunkwe ħanut ikun konformi mal-istandards kollha tas-sanita' biex ma joħloqx inkonvenjent *(nuisance)* ta' rwejjaħ u storbju għar-residenti ta' madwar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

21. Dwar triq *(cul de sac)* li qed tisfronda f'Tar-Robba li hija aċċessibbli minn naħa tal-ajruport ta' Malta, is-SE kien mitlub sabiex jikteb lill-awtoritajiet sabiex din jibnuha mill-ġdid għaliex fil-verita' jekk taqa' għal isfel, din se tiżola zona industrijali minħabba diffikuta' fl-aċċess tant importanti. Il-KLM mhux f'pożizzjoni illi jagħmel spejjeż fuq ri-kostruzzjoni ta' toroq għal raġunijiet li ma ningħatawx fondi għal manutenzjoni ta' din ix-xorta.

22. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar is-17 ta' Frar, 2015 fis-6.30pm filwaqt li l-laqgħa ntemmet fl-9:50pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum 17/02/2015 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |